KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.11.2006
KUMM(2006)696 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [tad-Dwana]

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan ta' dan l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill huwa li jissospendi, fuq bażi awtonoma u għal żmien indefinit, id-dazji tat-tariffa doganali komuni fuq ċerti oġġetti mniżżla fil-Kapitlu 30 (prodotti farmaċewtiċi) u, għaldaqstant, jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

- **Il-kuntest ġenerali**

(1) Kapitlu 30 tan-Nomenklatura Magħquda (NM) jkopri prodotti farmaċewtiċi.

(2) Protezzjoni mhux adeżiva sterili kirurġiċi jew dentali kemm jekk assorbabbli jew le, fl-2006 huma kklassifikati f'Kapitlu 39 jew 60 (skond il-materjal kostitwenti tagħhom) tal-verżjoni ta' l-2002 tas-Sistema Armonizzata. **L-apparati identifikabbli għall-użu fl-ostomija huma, fl-2006, ikklassifikati f'kapitlu 39** tal-verżjoni tas-Sistema Armonizzata ta' l-2002. Dawk il-prodotti huma soġġetti għal rata ta' dazju tad-dwana ta' 6,5%.

(3) Prodotti bħal dawn, mill-1 ta' Jannar ta' 2007, ikunu klassifikabbli f'Kapitlu 30 tan-Nomenklatura Magħquda wara t-traspożizzjoni tan-NM fis-SA 2007 (b'riżultat ta' l-emendi fin-nomenklatura mehmuża bħala anness mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija aċċettata permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali tas-26 ta' Ġunju 2004).

(4) Bħala riżultat tan-negozjati tar-Rawnd ta' l-Urugwaj dwar il-prodotti farmaċewtiċi, il-Kapitlu 30 huwa eżentat minn dazji tad-dwana.

(5) Għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, huwa fl-interess tal-Komunità li testendi b'mod awtonomu l-eżenzjoni minn dazji tad-dwana għal dawn il-prodotti.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

- Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali.

- **Konsistenza ma' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Skond il-politiki tal-kummerċ, ta' l-intrapriża, tas-saħħa u tar-relazzjonijiet esterni.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali tar-rispondenti

It-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffi u ta' l-Istatistika (Settur NM) tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana.

Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

Is-sospensjoni tikkorrispondi mal-ftehim tal-konsultazzjoni tal-grupp.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Oqsma xjentifiċi/Oqsma ta' għarfien espert ikkonċernati

Esperti tad-Dwana fil-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana li jirrappreżentaw l-Istati Membri.

Il-metodoloġija użata

Laqgħat.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Esperti maħtura minn kull SM.

Sinteżi tal-pariri li ngħataw u li ntużaw

Ma ssemmietx l-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Il-mezzi użati biex il-pariri ta' l-esperti jsiru disponibbli għall-pubbliku

Pubblikazzjoni tal-Proposta.

- **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Konsultazzjoni ta' bejn is-servizzi.

Benefiċċju għas-saħħa.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali

- **Il-bażi legali**

Art 26 tat-Trattat.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Mhux applikabbli.

Din is-sensiela ta' miżuri hija konformi mal-prinċipji stabbiliti biex jissimplifikaw il-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 26 tat-Trattat tal-KE sospensjonijiet awtonomi ta' tariffi u kwoti jiġu approvati mill-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

4) IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Dazji tad-dwana mhux miġbura.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [tad-Dwana]

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Wara n-negozjati fil-qafas tar-Rawnd ta' l-Urugwaj, saret dispożizzjoni fin-Nomenklatura Magħquda (NM), stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[2] għal eżenzjoni minn taxxi tariffarji għal prodotti farmaċewtiċi mniżżla f'Kapitlu 30.

(2) Protezzjoni mhux adeżiva sterili kirurġiċi jew dentali kemm jekk assorbabbli jew le, u apparati identifikabbli għall-użu ta' l-osotomija, huma bħalissa kklassifikati f'kapitli varji tan-Nomenklatura Magħquda u huma soġġetti għal rata ta' dazju ta' 6,5%. Madankollu, wara l-1 ta' Jannar 2007, huma għandhom jiġu kklassifikati f'Kapitlu 30 tan-Nomenklatura Magħquda bħala riżultat ta' l-emendi fin-Nomenklatura mehmuża bħala anness mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, aċċettata permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali tas-26 ta' Ġunju 2004.

(3) Għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, huwa fl-interess tal-Komunità li testendi b'mod awtonomu għal dawk l-oġġetti l-eżenzjoni għal prodotti farmaċewtiċi mniżżla f'Kapitlu 30. Dan għandu jsir permezz ta' sospensjoni ta' dmirijiet għal żmien indefinit.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Peress li l-emenda li ġiet introdotta permezz ta' dan ir-Regolament għandha tiġi applikata mill-istess data tan-Nomenklatura Magħquda ta' l-2007, imniżżla fir-Regolament (KE) Nru 1549/2006, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih u għandu jiġi applikat mill-1 ta' Jannar 2007,

---

1 ĠU C [...]

2 ĠU L 256, tas-07.09.1987. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/06 (ĠU L 301, 31.10.2006, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

-Sezzjoni VI, f'Kapitlu 30 tat-Tieni Parti (Skeda ta' Dmirijiet) ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ġiet emendata kif ġejja:

(a) fid-daħla taħt l-intestatura NM 3006 10 30, it-test fit-tielet kolonna ġie mibdul b'dan li ġej:

"6,5*

---

* Dazji doganali sospiżi fuq bażi awtonoma għal zmien indefinit."

(b) fid-daħla taħt l-intestatura NM 3006 91 00, it-test fit-tielet kolonna jinbidel b'dan li ġej:

"6,5*

---

* Dazji doganali sospiżi fuq bażi awtonoma għal zmien indefinit."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Maghmul fi Brussel,

Ghall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI JKOLLHOM IMPATT FINANZJARJU ESKLUSSIVAMENT FUQ L-INTROJTU

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA :

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [tad-Dwana]

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Kapitlu u Artikolu: Kap. 12 art. 120

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-infiq, imma għandha impatt finanzjarju fuq l-introjtu – l-effett huwa kif ġej:

Stima tat-telf ta' riżorsi proprji involut hija diffiċli ħafna. Ma hemm ebda statistika preċiża disponibbli ma' l-importazzjoni għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti għaliex ġew ikklassifikati, fl-2006, f'subintestaturi residwi differenti fejn il-volum tal-kummerċ huwa għoli ħafna.

Fuq il-bażi ta' l-importazzjoni milħuqa fl-2005, it-telf massimu ta' l-introjtu ġie stmat għall-1.104. 000 EURO (qabel it-tnaqqis ta' 25%) għaż-żewġ prodotti, li jfisser it-telf stmat għall-merkanziji ta' l-2005, trasferiti bl-istess mod fl-eżerċizzju ta' qabel tas-SA.

(€ miljuni espressi sa ċifra deċimali waħda)

Linja tal-baġit	Introjtu[3]	bidu	[Sena n]
Artikolu 120	*Impatt fuq ir-riżorsi proprji*	1/1/2007	828.000

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Applikazzjoni tal-miżuri normali previsti taħt il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

5. RIMARKI OĦRA

[3] F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, taxex imposti fuq iz-zokkor, dazji tad-dwana) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% ta' l-ispejjeż tal-ġbir.